# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April 2024**

**Avviż Nru: 239/2023**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Wara l-ittra Ġudizzjarja numru 2594/2023, tat-30 ta' Awwissu 2023, ippreżentata ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) u b'digriet mogħti fil-15 ta' Novembru 2023 ġew miżjuda il-kliem "f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma"**

**vs**

**Antonia Brignone (KI 633058M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur (li ġie ġuramentat) tal-attriċi datat 29 ta' Settembru 2023[1], flimkien mad-dokument hemm mehmuż, fejn *ad litteram* ġie premess u konsegwentement mitlub hekk:

[1] A fol 1 tal-proċess

*Illi dan huwa rikors illi qiegħed jiġi ppreżentata ai termini tas-Subartikolu (2) ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti ġiet notifikata, b'ittra ġudizzjarja ippreżentata mis-soċjeta Automated Revenue Management Services Ltd (C46054), flimkien ma' dikjarazzjoni ġuramentata annessa, u dan ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn qed titlob lill-esponenti sabiex tħallas is-somma ta' elfejn u disgħa u disgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€2,099.98), liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista ta' l-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura ta' l-ilma, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000062529 ossia dwar il-fond bl-indirizz Santa Liena Boċċi Club, Triq Santa Liena, Bormla.*

*Illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta intimata huma infondati kemm fil-fatt, kif ukoll fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet;*

1. *Illi fl-ewwel lok, l-ammont mitlub huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-istess ġurament tagħha l-esponenti minn jhedda qiegħda tiddikjara illi mhix debitriċi jew ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġiet imħallsa.*

2. *Illi, fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, il-club tal-boċċi kien ġestit minn żewġha Anthony Brignone li minn miegħu ilha legalment separata sa mit-22 ta' Ġunju elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Ċitazz numru 1330/1995 VDG, fl-ismijiet "Antonia Brignone sive Tanya vs Anthony Brignone), u għalhekk l-ebda ebda ammont ma' huwa dovut mill-esponenti lis-soċjeta intimata.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, u għal raġunijiet li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda topponi ruħha għat-talba tas-socjeta` intimata, u konsegwentement umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba bħala waħda nfondata, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta intimata.*

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru 2023[2].

Rat r-risposta tas-soċjetà' Automated Revenue Management Services Limited mressqa fl-20 ta' Ottubru 2023[3], fejn *ad litteram* ġie eċċepit hekk:

1. *Illi, in linea preliminari, ir-rikors promotur sabiex jikkontesta l-ittra uffiċjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 466 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Automated Revenue Management Services Limited f'isimha*

[2] A fol 5 tal-proċess.
[3] A fol 11 tal-proċess.

*propju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, bir-referenza 2594/2023, sar* ***biss*** *fil-konfront tas-Socjeta' Automated Revenue Management Services Limited izda mhux fil-konfront tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Ghalhekk, dawn tal-ahhar illum ghandhom titolu ezekuttiv favur taghhom.*

2. *Illi, is-Socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, hija kreditrici tar-rikorrenti fl-ammont kumplessi ta' telfejn u disgha u disghin Ewro u tmienja u disghin ċenteżmu (€2,099.98) rapprezentanti konsum ta' ilma u/jew elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull hlas iehor, flimkien ma imghaxx dovut skont il-ligi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra uffiċjali bin-numru 2594/2023, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrenti lis-Socjeta Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi, l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

4. *Illi, nonostante dak eccepit mir-rikorrenti u kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ir-rikorrenti kienet ffirmat ftehim li permezz tieghu hija dahlet responsabbli ghad-dejn li akkumula fuq il-kont in kwistjoni, liema ftehim ir-rikorrenti ma zammetx mieghu.*

5. *Ghaldaqstant b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, s-Socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrent bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċjali bin-numru 2594/2023 pprezentata ai termini tal-*

*Art 466 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija reza eżekuttiva kontra r-rikorrent.*

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2023[4] fejn ġiet milqugħa talba magħmula ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li fl-okkju jiżdiedu l-kliem f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024[5] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici u ġie mressaq l-affidavit tal-attriċi.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2024[6] fejn reġa' xehed Reuben Bonnici u l-attriċi (in kontro-eżami). Dakinhar, l-avukati difensuri straħu fuq l-atti u r-rikors tħalla għal deċiżjoni finali li qiegħda tingħata llum kif skedat.

**Ikkunsidrat**

Illi in suċċint, ix-xhieda u l-provi miġjuba f'dawn il-proċeduri kienu s-segwenti:

Illi xehed **Reuben Bonnici,** rappreżentant tas-soċjetà' ARMS Ltd. Huwa jispjega[7] li l-kont in kwistjoni huwa intestat fuq Santa Liena Boċċi Klabb, Bormla. Ġie eżebit rendikont tal-istess kont. Fis-16 ta' Diċembru 2019 ġiet iffirmata skrittura bejn is-soċjetà' u l-attriċi fejn din daħlet responsabbli għal-ħlas tal-arretrati fuq l-istess kont. Kien saru ħlasijiet tas-16 ta' Ġunju 2020, u b'hekk,

[4] A fol 14 tal-proċess.
[5] Verbal relattiv jinsab a fol 16 tal-proċess.
[6] A fol 53 tal-proċess.
[7] Xhieda relattiva tinsab a fol 29 *et seq* tal-proċess.

l-iskrittura tal-modalitajiet ta' ħlasijiet, li kien ikopri sas-sena 2021 ma ġiex onorat. Ma setax jindika minn min sar il-ħlas iżda spjega li hemm diversi metodi ta' pagament. Ġiet eżebita dokumentazzjoni relattiva.

Illi f'seduta sussegwenti, l-istess xhud[8] jeżebixxi elenku ta' pagamenti magħmula fuq il-kont, sas-sena 2020, li kien l-aħħar pagament. Il-pagatur ma jitniżżilx meta sar l-ħlas tramite l-MaltaPost, u lanqas meta jsir ħlas direttament.

Illi xehdet ukoll l-attriċi **Antonia Brignone**. Fl-affidavit tagħha[9] tgħid li l-ġestjoni tal-ħanut tal-boċċi kien jitmexxa mir-raġel tagħha Anthony Brignone u hi ma kellha xejn x'taqsam miegħu. Fis-sena 1995 hi u r-raġel sseparaw u n-negozju tkompla biss minnu. Xi tlett snin ilu waqaf joperaħ. Tgħid li hija qatt ma kienet taf b'dan id-dejn iżda kienet marret tiffirma l-iskrittura msemmija fix-xhieda ta' Reuben Bonnici. Konxja li żewġha ma baqax iħallas il-kont. Tagħlaq billi tgħid li s-soċjetà ARMS ma kellhiex tfittex lilha iżda lir-raġel tagħha.

Illi in kontro-eżami[10], tikkonferma l-firma tagħha fuq l-arranġament ffirmat minnha. Tikkonferma li meta ffirmat kienet taf li kien hemm pendenzi. Tikkonferma wkoll li hija ffirmat f'isimha u mhux għan-nom tar-raġel tagħha. Ma tistax tgħid li l-ammont tħallas kollu. Il-ħlas kien isir minn ċertu Pawlu Muscat (Segretarju tal-Klabb). Tikkonferma li hija ġieli ħallset fuq il-kont ukoll. Tagħlaq billi tgħid li hija ffirmat bi pjaċir għar-raġel tagħha.

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

[8] A fol 54 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 18 tal-proċess.
[10] A fol 78 *et seq* tal-proċess.

Illi tajjeb jiġi mfakkar li din id-difiża ġiet sorvolata bid-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru 2023, fejn ġiet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri.

## **Mertu - Preskrizzjoni**

Illi bħala daħla qasira, huwa magħruf li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva[11]. Ukoll, il-preskrizzjoni hija imħollija f'idejn min jeċċepixxi l-istess, b'tali li mod li awtorità ġudikanti ma tistax tissostitwixxi l-għamla tal-preskrizzjoni eċċepita *sua sponte*. Dan wara kollox ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jinsab diġa kodifikat[12]. Huwa magħruf li meta tinqala' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni, iż-żmien jibda għaddej minn dak inhar li jkun beda dak id-dritt jew meta setgħet tiġi mibdija azzjoni[13] fuq l-istess dritt[14]. Minn dan l-aspett, il-Qorti ssib li l-artikolu utilizzat u ċioé dak residwali għal-ħlas ta' flus, huwa wieħed tajjeb[15] għall-għanijiet ta' dan il-kreditu. Bl-istess mod, issib li għal dak li jikkonċerna l-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-

---

[11] Dwar dan, fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak li ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Arkitett Ian Żammit vs V. Attard (Works) Limited**, (Rik Nru: 562/11/1 SM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2021.
[12] Artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[13] Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[14] L-awtur Gabriel Baudry-Lacantinerie fl-opra **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile,** fil-volum intitolat **Della Prescrizione** jgħid hekk: "*Quando comincia a decorrere la prescrizione? A questo proposito occorre distinguere tra la prescrizione acquisitiva e la prescrizione estintiva. La prima ha per principio, come punto di partenza, il giorno in cui il possesso é cominciato; poiché e fondata sul possesso che ha per iscopo di consolidare. Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui é nato il diritto o l'azione che é destinata ad estinguere.*" – Capitolu XII, para 364 fol 279.
[15] Hekk ġie wkoll issa ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna. Bħala eżemplari, kemm qabel u wara l-emenda tal-artikolu 2160, il-Qorti tissenjala s-sentenza fl-ismijiet **Anthony Pandolfino vs Automated Revenue Management Services Limited,** (App Nru: 878/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2022 u dik fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Ltd *pro et noe* vs Kenneth Ruggier *et***, (App Nru: 207/2016) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Ġunju 2023.

Liġijiet ta’ Malta, dan ukoll ġie debitament sodisfatt[16] (fl-aspett proċedurali tiegħu).

Illi madanakollu, huwa wkoll magħruf li l-għarfien tad-debitu iġib l-effett tal-ksur tal-preskrizzjoni[17]. F’każ li dan ir-rikonoxximent iseħħ waqt li ż-żmien tal-preskrizzjoni jkun għadu għaddej, allura ż-żmien preskrittiv jiġi miksur, filwaqt li jekk isir wara li jkun għalaq iż-żmien, iġib ir-rinunzja għall-istess. Issa fil-każ tagħna, dan l-għarfien jemerġi ċar mix-xhieda tal-attriċi fejn irrikonoxxiet li qabel ma ffirmat l-iskrittura rigwardanti l-ħlasijiet kienet ben konxja tal-fatt li kien hemm dan id-dejn eżistenti, kif ukoll, naturalment bl-iffirmar tal-istess skrittura rigwardanti l-modalita tal-ħlas[18]. Huwa ben ċar li dan l-aġir tagħha jmur propju

[16] Tajjeb jiġi mfakkar li permezz tal-Att I tas-sena 2017 (u verament ftit wara, permezz tal-Att VII tal-istess sena) saru bidliet importanti, anzi radikali, fl-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta tant li wieħed jista’ jgħid li l-istitut tal-ġurament deċiżorju inqaleb taħt fuq. F’dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Limited *pro et noe* vs Topcar Limited**, (Rik Nru: 93/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta’ Jannar 2018 (mhux appellata) li fiha ingħad hekk: *“Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament [...] tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa’ deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jaghżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deċiżorju baqa’ jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah.”*

[17] Artikolu 2133 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

[18] Sa fejn hekk applikabbli, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **AIC David Xuereb *noe* vs Tom Jansen *et,*** (Rik Nru: 87/2015) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta’ Novembru 2022 fejn ġie mfakkar hekk: “*Tassew, il-liġi trid li l-għarfien tad-dejn min-naħa tad-debitur iġib miegħu l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni (ara l-artikolu 2133 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta). Il-ħlas min-naħa tad-debitur jew ta’ xi ħadd f’ismu mqar akkont tad-dejn ukoll iġib l-istess effett (ara l-artikolu 2134 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta). Iżda, waqt li l-għarfien jew xi ħlas 16 magħmul waqt li l-preskrizzjoni tkun għadha miexja, jikser iż-żmien preskrittiv (ara A.I.Ċ. Maurice Captur v. Salvatore Spiteri, Appell Kummerċjali, 25 ta’ April, 1975), dak l-għarfien jew ħlas li jsir wara li jkun għalaq l-istess żmien ifisser rinunzja. Ma jistax ikun hemm ksur ta’ żmien preskrittiv wara li jkun għalaq, imma biss rinunzja min-naħa tad-debitur (ara Paolo Borġ v. Negoziante Francis Grech et, Appell Kummerċjali, 22 ta’ Diċembru, 1948 u George Falzon v. Assoċjazzjoni tat-Traspost Pubbliku, Appell Superjuri, 30*

kontra l-prinċipju tal-preskrizzjoni għaliex l-aċċettazzjoni tad-debitu mitlub ġie minnha aċċettat. B'hekk lanqas biss hemm għalfejn jittieħed qies tal-fatt li anke hi ġieli għamlet xi pagamenti, u dan il-fatt waħdu għandu jkun biżżejjed sabiex din ir-raġuni (tad-dekors taż-żmien) tiġi miċħuda.

Illi f'dan il-każ, l-arranġament ġie maqbul u ffirmat fis-16 ta' Diċembru 2019, filwaqt li l-ittra uffiċjali ġiet notifikata fit-12 ta' Settembru 2023.

Illi b'hekk dan l-argument qiegħed jiġi riġettat.

**<u>Mertu – Il-kont m'huwiex fuq isem l-attriċi.</u>**

Illi dak li ntqal hawn fuq għandu wkoll l-applikazzjoni tiegħu taħt din it-tieni raġuni miġjuba mill-attriċi. Rispettosament, jekk huwa minnu li l-attriċi qatt ma kellha x'taqsam xejn ma' dan il-kont, kellha tieħu l-passi neċessarji sabiex tassigura ruħha li dan id-dejn qatt ma jiġi jgħajjat lilha[19]. Minflok, volontarjament, hija għażlet li tidħol f'arranġament sabiex tassumi dan id-dejn hi stess.

Illi għalkemm huwa minnu li s-soċjetà konvenuta ġieli ġiet ikkritikata fuq il-mod ta' kif tgħaddi sabiex teżiġi ħlas (f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifiki li tagħmel sabiex tkun ċerta li l-intestatura tal-kont tkun fuq il-persuna t-tajba[20]), il-Qorti ma

---

*ta' Marzu, 2022)".* (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Lulju 2023).

[19] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Automated Revenue Management Services Ltd *pro et noe* vs Kenneth Ruggier *et*</u>**, (App Nru: 207/2016) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Ġunju 2023 imsemmija f'notament preċedenti, intqal hekk: *"Huwa l-obbligu ta' min f'ismu huwa rreġistrat il-kont u ta' min f'ismu qegħdin jinħarġu l-kontijiet, li jassigura li ladarba huwa m'għandux aktar x'jaqsam mal-fond jew mal-kont in kwistjoni, jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi jinforma lis-soċjetà appellata b'dan".*

[20] Hija ormai sentenza klassika dik fl-ismijiet **<u>Automated Revenue Management Services Limited *pro et noe* vs Audrey Ann Triganza,</u>** (App Ċiv Nru: 506/15/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2020.

ssib l-ebda nuqqas fil-każ tal-lum. Huwa ċar li, bil-volontà u għażla tagħha stess, hija l-attriċi li għandha tħallas, u s-soċjetà konvenuta mxiet sew.

Għalhekk, anke din ir-raġuni qiegħda tiġi miċħuda.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li takkolji l-eċċezzjonijiet rimanenti tas-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd, tiċħad it-talba tal-attriċi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu minn Antonia Brignone.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur